# ID-DEMM PREZZJUŻ

## TAL-FIDWA TAGĦNA



Mario Caruana

# Komunità tad-Demm Qaddis ta’ Ġesù

**Devozzjoni ∞ Impenn ∞ Xhieda**



***Nihil obstat:*** die 30ª maii 2020
Mons. Hector Scerri
Cens. theol.

***Imprimatur:*** Datum in Curia Archiep.
Melit, Florianæ, die 30ª maii 2020
+ Joseph Galea Curmi
Ep. tit. Cebaradesen
Vicarius Generalis


***imejl:*** ***caruanamario1@gmail.com***

***Mowbajl:*** **99051756**

***Indirizz Postali:*** **Mario Caruana**
**P.O. Box 18, MaltaPost p.l.c. – B’Kara Branch**
**58, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9013, MALTA.**

# DAĦLA

Il-devozzjoni lejn id-Demm Qaddis ta' Ġesù, ma nistgħux nirristrinġuha għal sempliċi repetizzjoni ta' talb popolari għalkemm dan jgħin fit-taħriġ tagħha.  Il-vera devozzjoni tesiġi minna u għandha twassal biex aħna nikbru serjament fi mħabbitna lejn Alla.

Fid-dawl ta' kwotazzjonijiet partikolari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru lill-Insara tal-ewwel seklu, ser naraw kif id-devozzjoni awtentika lejn id-Demm qaddis ta' Ġesù ssib l-għeruq tagħha fil-ġewwieni tal-qalb u tifrex il-friegħi tagħha fid-dispożizzjonijiet l-aktar interjuri tal-ispirtu tal-bniedem.  Dan ifisser li din id-devozzjoni trid tkun espressjoni ġenwina u ħajja tal-imħabba tagħna lejn il-Persuna tal-Iben t'Alla bħala s-Salvatur waħdieni tagħna.

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, ħajjitna tista' verament issir offerta waħda ta' radd il-ħajr lil Alla b'tali mod li bħal San Pawl inkunu nistgħu ngħidu '*Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu*' *(Gal 2:20).*

Mario Caruana



**Alla hekk ħabb lid-dinja**
**li ta lill-Iben tiegħu l-waħdieni**
**biex kull min jemmen fih**
**ma jintilifx.**

**(Ġw 3:16)**

# QALBNA TIXXENNAQ GĦALL-MILJA TAL-FERĦ

It-tiftix u l-ħerqa tal-bniedem biex isib dak li jimlielu l-ispazju vojt tal-imkejjen profondi tal-qalb u l-ispirtu tiegħu, huma evidenza ħajja tax-xewqa ġewwenija li hemm fil-bniedem biex isib il-milja tal-ferħ. F'qalb il-bniedem hemm din ix-xewqa qawwija biex jagħraf, joqrob u jippossedi dak kollu li jista' jwasslu biex jagħtih il-ferħ sħiħ u li ma jispiċċax.

Iżda liema oġġett mundan jew sitwazzjonijiet tal-ħajja ser jiggarantixxu li jagħtu l-milja tal-ferħ? Liema kisbiet temporali tad-dinja ser jimlew il-qalb tagħna b'dak is-sliem dejjiem li ma jħalliniex nixxenqu aktar?

Min jaf kemm drabi f'ħajjitna sfajna vittmi ta' perċezzjonijiet fiergħa u qarrieqa fejn l-għażliet tagħna bnejnihom fuq dak li huwa temporali u li malajr jintemm u jitħassar. Min jaf ukoll kemm drabi ħsibna li nkunu ksibna l-ferħ sħiħ u dejjiem meta mbagħad niskopru li bħal donnu f'qalbna hemm abbiss li ma tista' tissodisfaħ qatt u b'xejn.

Dejjem nixxenqu, dejjem noħolmu u dejjem infittxu biex forsi fl-aħħar jirnexxielna niksbu dak li ma jħalliniex aktar nixxenqu, noħolmu u nfittxu!  Min jaf kemm drabi għażilna li nimxu ma' filosofiji ta' ħsieb jew stili ta' ħajja li temporarjament jissodisfaw l-aspirazzjonijiet tagħna iżda li fir-realtà jkunu biss aljenazzjonijiet li jnessuna jew ibegħduna mir-realtà tagħna nfusna u ta' madwarna.  Mhux ta' b'xejn li s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu jiftħilna għajnejna billi jgħidilna li *'s-sliem li jagħtina Hu mhuwiex bħal dak li tagħti d-dinja*.'

Il-bniedem naturali li jgħix skont ix-xejriet tad-dinja, huwa fi ġlieda kontinwa miegħu nnifsu u mal-oħrajn biex jaqta' l-għatx tal-aspirazzjonijiet tiegħu skont dak li twiegħed u toffri d-dinja.  Iżda liema ġid temporali tad-dinja jista' jaqta' l-għatx tal-ispirtu u l-qalb tagħna jekk aħna konna maħluqin biex insibu l-milja tal-ferħ f'Alla nnifsu?!

Huwa biss fl-Imħabba safja u perfetta tal-Mulej li aħna nistgħu verament insibu dak is-sliem qaddis u l-ġid tassew fejn la '*l-kamla ma*

*tmermer u lanqas is-sadid ma jħassar*' għaliex huwa l-ġid etern tas-Sema. Il-bniedem hu maħluq minn Alla u għal Alla. Dan ifisser li toroq oħrajn li ma jlaqqgħuniex m'Alla jew li jbegħduna minnu, huma biss ingann u faċli jwasslu biex il-bniedem jitlef id-dinjità tiegħu u l-istess għan tal-eżistenza tiegħu.

Il-qaddisin ukoll għaddew minn ħafna esperjenzi umani u realtajiet tal-ħajja. Insemmu l-każ klassiku ta' Santu Wistin fejn fil-ktieb tiegħu '*L-Istqarrijiet'* jgħid li huwa kien qed ifittex dak li jimlielu qalbu b'dak kollu li kien 'l barra minnu nnifsu meta fil-fatt il-veru ferħ li jimla l-qalb kien jinsab fir-realtà t'Alla li tant kien qiegħed qrib tiegħu u miegħu.

Mhux ta' b'xejn ukoll li dal-qaddis jagħmel stqarrija daqshekk qawwija fejn jgħid li '*aħna maħluqin għal Alla u qalbna ma ssib qatt kwiet jekk ma tistrieħx f'Alla*.' Huwa biss f'Alla li aħna jista' jkollna l-milja tal-ferħ għaliex Alla waħdu huwa l-Ħallieq tagħna u kien Hu li żera' fina ż-żerriegħa ta' mħabbtu biex ngħixu bi mħabbtu u fi mħabbtu.

## NAGĦRFU R-REALTÀ TA’ ĦAJJITNA

Ir-realtà tal-ħajja turina li aħna pellegrini fuq din l-art u li l-vjaġġ ta’ dil-ħajja huwa tant qasir meta nqabbluh mal-eternità. Mhux ta’ b’xejn li San Pawl jgħid li ‘*aħna pajżana tas-sema pajjiżna*’ *(Fil 3:20).* Il-ħin li jislifna Alla f’din il-ħajja, huwa grazzja u opportunità biex aħna nibbenifikaw mill-frott tal-fidwa li Kristu kisbilna permezz tat-tixrid tad-Demm Prezzjuż tiegħu. Dan id-Demm qaddis ta’ Ġesù Kristu jinstigana biex aħna nħarsu lejn ir-realtà sħiħa ta’ ħajjitna.

Kull qatra Demm ta’ Kristu hija stedina biex aħna nifthu qalbna għal Alla, nagħrfu dak li Hu għamel għalina biex nifhmu wkoll ir-raġuni għaliex Huwa ħadem daqshekk b’mod qawwi u intimu fl-istorja tas-salvazzjoni tagħna.

Il-bibien li nagħlqu għal Alla fuq din l-art, huma l-istess bibien li nkunu qed nagħlqu għalina nfusna fl-eternità. Huwa tassew meħtieġ li l-għażliet ta’ ħajjitna fuq din l-art, ikunu msejjsa fuq il-ġid veru li Alla ħejja għalina. Alla għandu dix-xewqa taħraq u għadu jaħdem fil-ġrajjiet

kollha ta’ ħajjitna biex aħna jkollna dan l-akbar ġid li Huwa ħalaqna għalih, li huwa Hu nnifsu.

## BI KRISTU NISSIEĦBU FIL-ĦAJJA T’ALLA




Alla jridna nissieħbu fil-ħajja divina tiegħu biex fih u bih aħna jkollna l-milja tal-ferħ qaddis li huwa l-għan tal-eżistenza u l-ħajja kollha tagħna. Dak li Alla wettaq matul iż-żminijiet fl-istorja tas-salvazzjoni tagħna u li sab il-milja tiegħu fil-Persuna ta’ Ġesù Kristu, huwa stqarrija ħajja ta’ kemm Alla jridna nissieħbu b’mod intimu fil-ħajja divina tiegħu.

L-inkarnazzjoni u l-għotja totali tat-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, mhux biss juruna min hu Alla iżda wkoll idaħħluna fil-misteru profond tal-imħabba infinita tiegħu lejna l-bnedmin. Dil-verità tal-imħabba bla tarf t'Alla lejn kull wieħed u waħda minna, tidher b'mod l-aktar qawwi fit-tixrid tad-Demm qaddis ta' Ġesù Kristu matul il-passjoni tiegħu. Ġesù huwa l-*Ħaruf bla tebgħa t'Alla* li ta lilu nnifsu għall-maħfra ta' dnubietna u l-fidwa tagħna.

It-tixrid tad-Demm Prezzjuż ta' Ġesù fil-passjoni u l-mewt tiegħu, huwa evidenza tax-xewqa li hemm fil-ġewwieni tal-qalb t'Alla biex aħna nissieħbu f'dal-misteru profond tal-imħabba bla tarf tiegħu. Alla mhux biss jimpurtah minn ħajtek u minn ħajti iżda wkoll irid li aħna ngħixu għal dejjem f'intimità sħiħa ta' mħabba miegħu. Għaldaqsant id-Demm Prezzjuż tal-Iben t'Alla jdaħħalna f'din l-intimità profonda tat-Trinità Qaddisa.

Fil-persuna ta' Kristu, Alla tana ħajja ġdida, tama ġdida u ħelsien ġdid bħala wlied Alla. F'dan id-dawl, id-Demm ta' Kristu mxerred għalina fil-

passjoni u l-mewt tiegħu, jurina kemm Alla jgħożż id-dinjità tal-bniedem u li ma jridx li l-bniedem jintilef fl-abbissi tat-tbatijiet eterni.

Bi Kristu, Alla jsejħilna biex aħna ngħożżu dan l-akbar ġid li huwa s-salvazzjoni tagħna. Inkunu qed nibbenifikaw tassew mid-Demm Prezzjuż tal-fidwa tagħna jekk ħajjitna tkun xhieda awtentika u ħajja tat-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu. Il-Venerabbli Arċisqof Fulton J. Sheen kien qal li '*jekk aħna ma ngħixux dak li nemmnu fih, nispiċċaw biex nemmnu dak li aħna nkunu qed ngħixu fih.*' Dan ifisser li jekk aħna rridu lil Alla jkun id-dawl tal-ħajja tagħna, il-Kelma tiegħu trid tkun ukoll dik li ddawwal u ssawwar il-ħajja u l-ispirtu tagħna.

## IL-VERU ĦELSIEN TAL-BNIEDEM

Irridu nammettu li gradwalment infiltrat ruħha l-kultura mundana li l-veru ħelsien tal-bniedem jista' jinkiseb meta l-bniedem jitmexxa mix-xewqat istintivi tiegħu jew dawk li jissodisfawlu l-għatx tal-aspirazzjonijiet temporali tiegħu. Quddiem dat-tip ta' raġunament, il-bniedem

beda jħares lejn Alla bħala dak li qiegħed hemm biex jirrestrinġi jew joħnoq il-libertà tal-bniedem.

Madanakollu fir-realtà nistgħu naraw li l-ħelsien veru li jgħinna ngħixu d-dinjità sħiħa tagħna bħala bnedmin jista' jinkiseb fi Kristu u mhux indipendentement minnu. Hija l-Kelma tiegħu li tfejjaq, issostni, toħloq u ġġib l-ordni fuq livell personali u soċjali.

Il-kelma ta' Kristu hija l-Kelma t'Alla nnifsu. Anzi nistgħu ngħidu li dak li Alla ried jurina u jgħidilna, urihulna u qalulna fil-persuna ta' Kristu. Għaldaqstant il-Kelma ta' Kristu għandha l-qawwa li tbiddel il-mod ta' kif aħna naħsbu, nirraġunaw u ngħixu fil-ħajja tagħna sabiex b'hekk tagħmilna bnedmin nixbħu lil Alla.

Meta nħarsu lejn Ġesù bħala l-uniku Feddej tagħna, bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu Alla jbiddilna fi bnedmin ġodda. B'hekk aħna nibdew inħarsu, nagħrfu u niġġudikaw il-ġrajjiet ta' ħajjitna mill-perspettiva t'Alla nnifsu. Huwa proprju f'dan il-kuntest li aħna nibdew ukoll ninterpretaw dak kollu li jiġri fina u madwarna

fid-dawl tal-ġudizzji u l-ħidma providenzjali t'Alla li trieġi kollox għall-glorja Tiegħu u s-salvazzjoni tagħna.

Fid-dlamijiet tal-lejl u fil-misteri profondi tal-ħajja, Kristu jgħinna naraw u nesperjenzaw id-dawl qaddis tal-grazzja tiegħu u jgħallimna l-misteri kbar tas-Saltna tas-Smewwiet. Il-grazzja t'Alla timliena bit-tama u l-kuraġġ għax tkabbarna fl-għarfien li aħna mħaddnin fl-imħabba infinita u salvifika t'Alla.

## L-INGANN TAL-AWTOSUFFIĊJENZA

Waħda mit-tentazzjonijiet il-kbar tal-bniedem hi li jaħseb u jasal biex jemmen li hu jista' jikseb is-salvazzjoni tiegħu nnifsu bil-qawwa tiegħu nnifsu jew li jista' jsib il-milja tal-ferħ f'dak li huwa temporali u li jitbiddel. Dan huwa d-dnub tal-bniedem li jaħseb li huwa s-sid suprem tiegħu nnifsu.

Hija suppervja sfaċċata meta l-bniedem jippretendi li m'għandux bżonn ta' Alla biex imexxi l-ħajja tiegħu. Hija wkoll preżunzjoni mill-aktar perikoluża meta l-bniedem jemmen li

huwa jista' jieħu l-post t'Alla biex jiddeċiedi hu dak kollu li huwa tajjeb jew ħażin għalih. Hija sitwazzjoni tassew imwiegħra meta l-bniedem jinqata' mir-realtà t'Alla veru u jagħżel li jqim allat oħrajn superfiċjali bħalma huma l-flus, il-poter, il-fama, il-pjaċir edonistiku u dak kollu li jissodisfa l-aspirazzjonijiet temporali tiegħu.

Huwa tassew għamad jekk il-bniedem iħares biss sal-konfini tal-ħajja temporali tiegħu fuq din l-art bla ma jqis il-ġid veru tal-ħajja eterna li Alla sejħilna għalih. Kemm hawn bnedmin li jaħsbu li jkunu kisbu l-aqwa ġid f'ħajjithom sempliċement għax ikunu laħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom jew għax ikun irnexxilhom jiksbu xi ġid temporali li jissodisfa x-xewqat istintivi u mmedjati tagħhom.

## IT-TLELLIX FIERAGĦ TAL-ĠID MATERJALI

Huwa periklu serju għas-salvazzjoni tagħna jekk naħsbu li l-ġid materjali u temporali tad-dinja huwa suffiċjenti biex b'xi mod jew ieħor insibu fih il-milja tal-ferħ li Alla ħalaqna għalih. F'dan id-dawl, tkun sitwazzjoni tassew traġika jekk

nibnu ħsibijietna u ħajjitna fuq stili ta' ħajja liberali li jfittxu biss li jissodisfaw ix-xewqat immedjati tal-bniedem.

Quddiem dawn it-tip ta' tentazzjonijiet u stili ta' ħajja, it-twissija ta' Ġesù hija waħda ċara u qawwija, *'Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.'* (*Mt 4:2).* Meta l-bniedem jitbiegħed minn Alla, ikun qed jitbiegħed ukoll mir-realtà tiegħu nnifsu għaliex ma jagħrafx jew jirrifjuta li jagħraf l-iskop ewlieni tal-eżistenza tiegħu.

## ID-DEMM PREZZJUŻ TAL-FIDWA TAGĦNA



Mhux ta' b'xejn li f'parti mill-Ittra tiegħu lill-insara tal-ewwel seklu, San Pietru jikteb: *'Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-Demm*

*Għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa.' (1 Pt 1:19-20)*

Jekk inħarsu lejn il-kuntest li fih u li għalih inkitbet din l-ittra madwar is-Sena 64 W.K, nifhmu aħjar dak li San Pietru kien qed jinsisti dwaru mal-Insara ta' dawk iż-żminijiet. Minn aspett wieħed, nistgħu nħarsu lejn dal-kliem ta' San Pietru bħala stqarrija ċara li Ġesù Kristu huwa l-Messija mwiegħed minn Alla. Bi Kristu u bil-qawwa tad-Demm għażiż tiegħu, aħna nistgħu tassew niksbu l-veru ħelsien bħala wlied adottivi t'Alla. Huwa proprju dan il-ħelsien fl-ispirtu li lilna jgħinna nimxu fit-triq li twassal għas-salvazzjoni tal-ħajja ta' dejjem.

Ġesù Kristu – għax ried hu u għall-imħabba tagħna, tgħabba bid-dnubiet kollha tagħna biex bit-tixrid ta' Demmu huwa jeħlisna mill-pwieni tat-tbatijiet eterni. Għaldaqstant dal-versi ta' din l-Ittra huma eżortazzjoni qawwija biex l-insara jilqgħu f'ħajjithom lil Ġesù Kristu bħala l-ħellies u l-uniku Salvatur tagħhom, u ma jibżgħux ikunu xhieda tiegħu quddiem dawk li ma jemmnux jew qed jgħixu ħajja pagana.

Min-naħa l-oħra, San Pietru ried iħeġġeg lill-insara biex ħajjithom tkun mibnija fuq il-Kelma tal-verità hekk kif għaddiehilna Kristu nnifsu. Riedhom jgħixu ħajja eżemplari biex ikunu ta' dawl f'soċjetà pagana li kellha bżonn li tikkonverti lejn Alla.

Quddiem it-tbatijiet inġusti tal-persekuzzjoni, San Pietru ried ukoll iħeġġiġhom biex b'fidi qawwija u kostanti, huma jżommu dejjem ħarsithom imsammra fuq il-glorja eterna tas-Saltna li Alla ħejja għal dawk li jħobbuh.

Id-Demm Prezzjuż ta' Ġesù mxerred għalina fil-passjoni u l-mewt tiegħu, huwa eżortazzjoni ħajja biex aħna ngħożżu u nkunu grati lejn dak li Alla wettaq għalina fl-istorja tas-salvazzjoni biex aħna *jkollna l-ħajja u ħajja bil-kotra.*

Il-fidwa li Ġesù Kristu kisbilna bis-saħħa tat-tixrid ta' Demmu u tal-qawmien tiegħu mill-mewt, mhijiex sempliċement rakkont ta' ġrajja jew tifkira storika. Aktar minn hekk, hija sejħa

urġenti minn Alla biex bil-qawwa tal-Ispirtu Tiegħu aħna nikbru fi mħabbtu u '*nkunu qaddisin għax qaddis Hu.'* *(1 Pt 1:16)*

Huwa biss fid-Demm ta' Kristu li aħna nistgħu nsibu l-ħelsien u l-fidwa mill-ħajja fiergħa tagħna. Fi kliem ieħor, id-Demm ta' Kristu għandu l-qawwa li jeħlisna minn dak kollu li jbegħdna minn Alla u jgħinna ngħixu bil-fedeltà r-rieda tiegħu – dik ir-rieda qaddisa li twassalna biex ngħixu tassew ta' wlied Alla u li tagħmilna werrieta tas-Saltna tiegħu.

Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex isalvana minn kull ħakma tad-dnub. Jekk inħallu l-qawwa tal-Ispirtu tiegħu taħdem fina, il-grazzja tiegħu titrasformana u tagħmilna bnedmin ġodda mimlijin bil-frott tal-Ispirtu li jkun jidher fl-għemejjel kollha tagħna.

F'dan id-dawl, li nissaffew bid-Demm Qaddis tal-Mulej ifisser li nħallu lil Alla jsaffi lil ruħna minn kull tinġis tad-dnub billi '*nwarrbu minna kull ħażen u kull qerq'* *biex bħal trabi tat-twelid nixxenqu għall-ħalib safi tar-ruħ li bih nikbru sa ma naslu għas-salvazzjoni*' *(1 Pt 2:1-2).* Il-ħalib

safi tar-ruħ huwa l-istess ħajja tal-grazzja t'Alla msawwba fina li tfawwarna b'għemejjel tajba u qaddisa li jressquna lejn Alla u jgħinuna nagħżlu dak li hu tassew ta' ġid għalina fil-kuntest sħiħ tal-eternità.

## IL-ĦIDMA QARRIEQA TA' SATANA

F'dinja ta' suġġestjoni fejn ix-xewqat istintivi tal-ġisem saru meqjuma f'isem id-drittijiet ċivili, id-diversità u l-libertajiet tal-bniedem, huwa faċli ħafna li ħarsitna tieħu triq oħra minn dik li twassal għall-ġid tassew li Alla sejħilna għalih għal fuq dak it-tlellix fieragħ tad-dinja li fl-aħħar mill-aħħar jintemm.

Qed naraw b'għajnejna stess kif id-dnub tal-bniedem, ħafna drabi moħbi taħt diversi forom jew stili ta' ħajja, qed ikun mhux biss ġustifikat u propagat iżda saħansitra glorifikat u meqjum bħala dak li jista' jifdi jew isalva lill-bniedem mit-tiġrib tal-ħajja. Mhux ta' b'xejn li f'Salm 45 insibu t-twissija ċara *li 'ħadd ma jista' jifdi lilu nnifsu, jew jagħti lil Alla l-prezz tal-fidwa tiegħu.'*



Dan il-qerq tal-ħażen immexxi mill-qawwiet tad-dlamijiet, ifittex li jxejjen bi proċess gradwali l-fedeltà tal-bniedem lejn ir-rieda t'Alla. Ħafna drabi, dan jibda jitwettaq b'modi l-aktar sottili sakemm jirnexxilu jinfiltra ruħu fil-ħsibijiet, il-kultura, kif ukoll fid-dispożizzjonijiet kollha tal-bniedem.

Huwa fatt ukoll li ħafna ħażen infiltra ruħu fil-ħajja tal-umanità proprju moħbi taħt diversi titli sbieħ u attraenti bil-ħsieb ewlieni li jinħbew l-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi reali tad-dnub. F'dal-proċess gradwali u sistematiku ta' disensitizzazzjoni, dak li qabel kien ikun meqjus bħala ħażin, ftit ftit jibda jsir aċċettabbli sakemm fl-aħħar id-dnub jibda jitqies u jkun imweġġaħ bħala xi dritt fundamentali tal-bniedem.

Dil-ħidma qarrieqa ta' Satana u l-anġli misħutin tiegħu, hija intiża li taljena l-ħarsa tal-bniedem minn fuq Alla billi tissodisfa x-xewqat istintivi u immedjati tal-bniedem. Il-għan ewlieni hu t-tnessija tal-verità fundamentali li l-ħelsien veru tal-bniedem jinsab fil-fidwa li Kristu kisbilna bit-tixrid ta' Demmu u l-qawmien tiegħu mill-mewt. Mhux ta' b'xejn li fl-ittra lill-Efesin insibu li *'l-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam imma kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet.' (Ef 6:11)*

Huwa fatt li f'dinja materjalista u konsumista, il-bniedem iħossu miġbud u ttentat biex ifittex dak kollu li jaqta' l-għatx u x-xewqat tiegħu skont il-ħsibijiet u l-fehmiet tiegħu aktar milli skont il-Kelma t'Alla. Figurattivament nistgħu ngħidu li llum, dan sar it-tlellix fieragħ tad-deheb u l-fidda li San Pietru jsemmi fl-ittra tiegħu lill-insara tal-bidu tal-Knisja.

Ġesù qalilna li *'fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek' (Mt 6:20).* Il-veru teżor tal-bniedem huwa Alla waħdu u f'Alla biss aħna

nistgħu tassew insibu l-veru ġid li ma jitteħdilniex.

Għaldaqstant ma nistgħux ngħaddu mingħajr il-qawwa tal-grazzja salvifika li Kristu kisbilna bit-tixrid ta' Demmu. Huwa indispensabbilment meħtieġ li ħarsitna tkun imsammra fuq id-Demm Prezzjuż tal-fidwa tagħna għax bih u fih aħna nistgħu verament naslu biex niksbu s-salvazzjoni tagħna.

## IL-GLORJA TAL-ĦAJJA ETERNA

San Pietru jinsisti mal-ewlenin Insara biex jitfgħu ħarsithom fuq id-Demm Prezzjuż ta' Kristu għaliex fi Kristu u fih biss, aħna jista' jkollna tassew il-veru ġid li ma jintemm qatt. Minkejja t-tbatijiet, is-saġrifiċċji u l-persekuzzjonijiet, fid-Demm ta' Kristu San Pietru kien jara l-glorja tal-qawmien u s-sebħ etern tas-Saltna t'Alla. Fl-istess ħin, qed jiftħilna għajnejna biex quddiem it-tiġrib kollu li niltaqgħu miegħu fil-mixja nisranija tagħna, aħna għandna dejjem inżommu quddiem

għajnejna d-dawl sabiħ tat-Tabor fejn Ġesù jidher fil-glorja kollha tiegħu.

F'dan il-kuntest, in-nisrani huwa msejjaħ biex quddiem it-tbatijiet u l-persekuzzjonijiet, huwa jkun xhieda ħajja tat-tama tiegħu f'Ġesù Kristu – it-tama kostanti li bħalma Kristu għadda mill-mewt għall-ħajja, hekk ukoll huwa għandu jgħaddi mill-passaġġ tat-tbatija u l-mewt għall-qawmien u l-ħajja tal-glorja eterna. L-insistenza ta' San Pietru biex inħarsu lejn id-Demm għażiż ta' Kristu, hija fl-istess ħin talba qawwija biex kull nisrani jkun xhieda tad-dawl tal-verità ta' Kristu.

In-nisrani huwa fid-dmir li jistqarr l-Isem tal-Mulej Ġesù quddiem 'l oħrajn. L-istqarrija tat-twemmin tagħna fil-Persuna ta' Ġesù Kristu ma tfissirx biss stqarrija bil-fomm. Aktar minn hekk, trid tkun impenn sħiħ ta' ħajja li jirrifletti l-ħidma tal-Ispirtu t'Alla fina.

Ġesù stess jgħidilna: '*Kull min jistqarrni quddiem il-bnedmin, nistqarru jien ukoll quddiem Missieri li Hu fis-Smewwiet*.' *(Mt 10: 32).* Fi kliem ieħor, hija proprju ħajjitna li trid tkun l-

istqarrija ħajja tat-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu. Dan isir possibli jekk aħna nħallu l-Ispirtu Qaddis t'Alla jaħdem fina u bina għax Alla kapaċi jagħmel ħwejjeġ kbar minkejja ċ-ċokon, il-limitazzjonijiet u d-dgħufija tagħna.

Il-mumenti ta' tiġrib tal-fidi tagħna, huma l-istess mumenti ta' prova li fihom u bihom aħna nissaffew u nitqawwew fir-rieda tagħna biex ma nibżgħux nagħtu tweġiba tal-fidi tagħna f'Ġesù Kristu.

Aħna msejjħin biex nagħrfu u ngħixu dak il-pjan li Alla sa mill-eternità ħejja għalina biex f'din l-għaqda tagħna miegħu, aħna naslu biex insibu tassew il-milja tal-ferħ. L-iskop kollu tal-eżistenza kollha tagħna hu li nimxu fl-għarfien u fit-twettiq ta' dan il-pjan qaddis li Alla ħejja għalina sa mill-eternità.

Din hija l-istess sejħa u vokazzjoni biex aħna niskopru u nikbru fl-għarfien tal-identità tagħna bħala bnedmin. Irridu nkunu nafu aħna min aħna u x'inhuwa l-iskop tal-istess eżistenza tagħna. Ma nistgħux ngħixu ħajjitna maqtugħin mir-realtà t'Alla jekk aħna nixtiequ tassew li

naslu biex nagħrfu u noqorbu lejn ir-realtà tagħna nfusna.

## ALLA WAĦDU HU S-SALVAZZJONI TAGĦNA

Hija suppervja u preżunzjoni tal-biża' jekk naħsbu li nistgħu nsalvaw ħajjitna mingħajr Alla. Inkunu qed inqarrqu bina nfusna jekk naħsbu li l-fidda u d-deheb tad-dinja li huma xbihat tal-ġid materjali li jgħaddi u jispiċċa, jistgħu b'xi mod jew ieħor jiggarantixxu s-salvazzjoni tagħna.

Kien proprju għal din ir-raġuni li San Pietru ħeġġeġ biex dejjem u kullimkien, ħarsitna tkun imsammra fuq dak li huwa tassew ta' ġid għalina. Qed iwissina biex ma norbtux ħarsitna biss mal-ftit snin tal-ħajja tagħna f'din id-dinja iżda l-ewwel u qabel kollox mal-ġid etern li ma jintemm qatt.

Id-deheb u l-fidda jistgħu jidhru sbieħ u prezzjużi fil-ħarsa tagħna. Bl-istess mod, min jaf kemm drabi kurrenti ta' ħsibijiet liberali, filosofiji ġodda, stili ta' ħajja mlaqqma bħala avangardisti u oħrajn moħbijin taħt il-kappa ta'

drittijiet ċivili, jistgħu jkunu preżentati quddiemna bħala sbieħ u prezzjużi jew bħala forom ta' sigurtajiet li jiggarantixxu l-ħelsien u l-paċi tal-bniedem. Iżda t-twissija ta' Ġesù Kristu hija waħda ċara u qawwija: *'X'ikun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Jew xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?' (Mt 16:26).* M'hemm ebda prezz ieħor li bih nistgħu niksbu l-fidwa tagħna jekk mhux bid-Demm l-aktar prezzjuż ta' Ġesù.

Il-Kelma t'Alla tiftħilna għajnejna biex ngħożżu kull mument tal-ħajja għaliex kull nifs ta' ħajjitna huwa grazzja biex nikbru fi mħabbitna lejn Alla. Dan għandu jwassal biex nimxu 'l quddiem lejn id-Dawl Qaddis tal-glorja eterna li Alla ħejja għal kull wieħed u waħda minna.

## ALLA JRIDNA NKUNU QADDISIN

Ġesù huwa t-triq li minnha għaddew il-qaddisin u Ġesù jibqa' t-triq li minnha jrid jgħaddi kull min irid ikun qaddis quddiem Alla. Mhux ta' b'xejn li fl-istess ittra tiegħu, San Pietru jħeġġeġ

lill-insara u jgħidilhom: '*Kunu qaddisin għax qaddis Hu dak li sejħilkom.*' (1 Pt 1:15-16).

Li tkun qaddis ifisser li tagħti attenzjoni sħiħa lil Alla u tħalli l-qawwa tiegħu taħdem fik biex tagħmel minnek bniedem ġdid skont il-qalb tiegħu u għall-akbar glorja tiegħu.

Il-qaddisin huma dawk li jintelqu fi ħdan il-ħidma providenzjali t'Alla u jemmnu li anke fl-akbar misteri tal-ħajja jew fl-eħrex tbatijiet jew fl-aktar ċirkostanzi diffiċli, Alla kapaċi jbiddel id-diżgrazzji kollha tal-ħajja fi grazzji kbar għall-ġid tal-bniedem stess.

Ħafna drabi quddiem sitwazzjonijiet diffiċli tal-ħajja, aħna faċli li naqgħu fin-nassa tat-tgergir u nilmentaw m'Alla għal dak kollu li nkunu għaddejjin minnu. Xi drabi nippretendu li għax inkunu qed nagħmlu r-rieda t'Alla, bħal donnu b'xi dritt Alla wkoll għandu jagħmel ir-rieda tagħna.

Quddiem it-tiġrib tal-ħajja, min jaf kemm drabi bkejna u sħitna xortina u nqfilna fid-dinja ċkejkna tagħna nfusna mifxulin għall-aħħar bil-misteru kbir tat-tbatija! Bħal donnu nippretendu li la darba aħna nkunu qed ngħixu tajjeb u nwettqu r-rieda t'Alla, Alla m'għandu qatt jippermetti li aħna nitqabdu kontra l-imwieġ qliel tat-tbatija.

Iżda kemm-il darba niftakru li d-Demm Prezzjuż tal-Mulej li xxerred għalina fuq is-salib, huwa l-istess Demm Għażiż li permezz tiegħu aħna ksibna l-fejqan fl-ispirtu tagħna u li wellidna għall-ħajja ġdida? Dan ifisser li *'bil-ġrieħi tiegħu* (ta' Kristu) *aħna konna mfejqa'* (1 Pt 2:24).

San Pietru jikteb: '*Jekk intom tagħmlu t-tajjeb u ssofru t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja quddiem Alla*.' Kemm ser indumu nħarsu lejn is-salib bħala kundanna u mhux bħala grazzja li tgħinna nħarsu lejn ħajjitna mill-perspettiva t'Alla u mhux tagħna nfusna?!

Ġesù jgħidilna: 'Jekk xi ħadd *irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi*

*warajja.*' (Mk 8:34). Li niċħdu lilna nfusna ma jfissirx li ma nagħtux każ tal-ħtiġijiet tagħna u ta' bnedmin oħrajn; ifisser li rridu nħallu lil Alla jdawwal l-ispirtu tagħna ħalli jkun tassew hu li jmexxi l-ħajja tagħna. B'hekk, l-għażliet ta' ħajjitna ma jkunux mibnija fuq it-tafal artab tal-kompromessi jew l-indifferenza imma fuq il-blat samm tal-fidi – dik il-fidi ħajja li tibqa' qawwija u perseveranti anke quddiem l-eqqel maltempati tal-ħajja.

San Pietru jgħid li aħna għandna dejjem imbierku lil Alla fis-sitwazzjonijiet kollha ta' ħajjitna għaliex *'fil-ħniena kbira tiegħu, Huwa raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt li la jitħassar, la jittabba' u lanqas jinxef'* (1 Pt 1:3). F'parti oħra tal-istess Ittra jgħid li *'bħalma d-deheb, li jintemm, jgħaddi mill-prova tan-nar, hekk tgħaddi mill-prova l-fidi biex ikun jistħoqqilha tasal għat-tifħir, għall-glorja, u għall-ġieħ, meta jidher Ġesù Kristu.'* (1 Pt 1:8). F'dan id-dawl, permezz tat-tbatijiet u t-tixrid ta' Demmu, Ġesù

Kristu ta qawwa redentiva lill-istess tbatija tagħna.

Id-Demm ta' Kristu mxerred għalina fil-passjoni u l-mewt tiegħu, mhuwiex sempliċement ritratt tat-tbatija ħarxa li Kristu kellu jgħaddi minnha jew xi xena li turi l-kefrija tal-bniedem. Fid-Demm ta' Kristu, aħna nsibu l-milja tal-hena qaddis għaliex huwa l-istess żerriegħa ta' ħolqien ġdid u ħajja ġdida. Fih insibu l-qawwa tal-grazzja li tgħinna u tqawwina biex neħduha kontra l-ħażen mhux bl-armi tal-mibgħeda jew tal-antagoniżmu iżda bil-qawwa tal-imħabba u tal-verità evanġelika.

Id-Demm ta' Kristu huwa d-Demm Prezzjuż tat-tama. Bil-qawwa ta' dan id-Demm, aħna nistgħu tassew niksbu twelid ġdid li jwassal għal dak il-wirt *'fejn la għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh' (1 Kor 2:9).* Din hija l-glorja eterna tas-Saltna t'Alla li Ġesù kisbilna permezz tat-tixrid ta' Demmu – dak **id-Demm Prezzjuż tal-fidwa tagħna!**

# KOMUNITÀ TAD-DEMM QADDIS TA' ĠESÙ

## Devozzjoni, Impenn u Xhieda

**L-għan ewlieni ta' dil-Komunità ġdida huwa t-tixrid tad-devozzjoni lejn id-Demm qaddis ta' Ġesù. Din l-Għaqda hija waħda strettament volontarja u sħubija fiha hija b'xejn.**



## KATINA TA' TALB

Qed infittxu persuni biex jissieħbu bħala **Sostenituri** tal-Komunità li l-impenn tagħhom ikun dak li:

- **jgħidu l-Kurunella tad-Demm qaddis ta' Ġesù, tal-anqas darba fil-ġimgħa;**
- **jgħinu fit-tixrid ta' din id-devozzjoni qaddisa.**

*Dawk kollha li jissieħbu bħala Sostenituri tal-Komunità jibbenifikaw mit-talb u l-pubblikazzjonijiet li minn żmien għal ieħor ikunu maħruġa.*

**INT UKOLL TISTA' TKUN PARTI MINN DIL-KATINA TA' MĦABBA**

**Għal aktar informazzjoni ċempel *99051756* jew ibgħat imejl lil *caruanamario1@gmail.com***

# Id-Demm Prezzjuż tal-fidwa tagħna

## RIFLESSJONIJIET SPIRITWALI

B'Kara – MALTA 2020

CSBJ MALTA

DEVOTION – COMMITMENT - WITNESS

*Kopji ta' dan il-librett qed jitqassmu lis-Sostenituri kollha tal-Komunità tad-Demm qaddis ta' Ġesù u lil persuni oħra skont id-diskrezzjoni tal-awtur.*

**Ref. IDPTFT_MC9265M_2020**